# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum il-5 ta’ Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 553/2017 SM**

**Avukat Donald Vella (K.I. 579782 M)**
**kif debitament awtorizzat bhala**
**mandatarju specjali ta’ Olivier Antoine**
**Jacques Spithakis**
**(passaport Franciz numru 13AY06483**

**vs.**

**GRUPO PEFACO S.L. (B-61785408)**
**socjeta` rregistrata fi Spanja bl-indirizz**
**Calle Muntaner 262, 6, Barcelona 08021**
**Spanja**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-21 ta’ Gunju, 2017, li permezz tieghu l-mandatarju specjali *de quo* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-mandatarju specjali *de quo* hu debitament awtorizzat jagixxi f’din il-procedura, (ara foll 3);

1.2. Illi permezz ta’ sentenza ta’ Qorti Spanjola datata l-15 ta’ Settembru, 2014, ir-rikorrenti gie kanonizzat kreditur tas-socjeta` intimata fl-ammont ta’ mitejn u erbatax -il elf erba’ mija u sitta u tletin euro, (€214,436.00), *sorte*, flimkien ma’ hamsa u ghoxrin elf, tmin mija u tnejn u disghin euro u ghaxar centezmi, (€25,892.10), f’interessi, u tnejn u sebghin elf, u tmienja u disghin euro u tlieta u erbghin centezmu, (€72,098.43), biex ikun accertat il-hlas t’interessi u spejjez, (ara foll 5 u 11);

1.3. Illi s-socjeta` intimata kienet opponiet l-imsemmija sentenza li eventwalment l-istess oppozizzjoni kienet respinta permezz ta’ sentenza datata s-27 ta’ Frar, 2015, (ara foll 20 u 26);

1.4. Illi *ai termini* tal-artiklu 54 tar-Regolamenti Ewropej qed jipprezenta certifikat fir-rigward tas-sentenza tal-15 ta’ Settembru, 2014, (ara foll 32);

1.5. Illi *ai termini* tar-regolament 66 tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012, ir-Regolament 44/2001 ghadu applikabbli, fost l-ohrajn, ghal sentenzi moghtija fi procedimenti legali istitwiti qabel l-10 ta’ Jannar, 2015;

1.6. Illi *stante* li l-proceduri *de quo* li taw lok ghas-sentenza in dizamina bdew fid-29 ta’ Lulju, 2014, allura japplikaw ir-Regolamenti *de quo*;

1.7. Illi a bazi tal-artiklu 41 tar-Regolamenti Ewropej *de quo* is-sentenza in dizamina fuq riferita ghandha tigi dikjarata ezegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet elenkati fl-artiklu 53;

1.8. Illi *ai termini* tal-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata m'ghandiex, f'dan l-istadju, tipprezenta sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni *de quo*;

1.9. Illi l-mandatarju *de quo* ghandu interess jezegwixxi s-sentenza *de quo* kontra s-socjeta` intimata *stante* li din ghandha assi materjali f'Malta;

1.10. Rat it-traduzzjoni relattiva, (ara foll 34);

1.11. Illi in vista tal-premess titlob lil din il-qorti:

1.11.1. Tirrikonoxxi u tezegwixxi s-sentenza tal-Qorti Spanjola datata il-15 ta' Settembru, 2014;

1.11.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 38);

3. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-25 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li l-kawza *de quo* tista' tithalla ghas-sentenza a bazi tar-Regolamenti Ewropej fuq riferiti, (ara foll 55);

4. Sodisfatta li l-precetti procedurali stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja gew kollha debitament sodisfatti, inkluzi t-traduzzjonijiet mehtiega;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti, tramite l-mandatarju specjali taghha, ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u ssodisfat ir-regolamenti in dizamina, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti Spanjola datata l-15 ta' Settembru, 2014;

5.2. Tordna li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti tkun ezegwita f'Malta;

5.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**